## 2011 EUROPA Stamps Competition

The Malta Europa €0.37 stamp will participate in the Best EUROPA Stamp Contest amongst all official EUROPA stamps. This contest is an annual online event where creative entries from across Europe compete for the best design. This competition is now open and available to all online till 9 August 2011, by clicking on the link www.posteurop.org/europa2011. The winning stamp will be announced at the PostEurop Plenary Assembly to be held between 12 and 13 October 2011 in Turkey.

Following this UN initiative to promote awareness of the importance of forests through the declaration of an International Year, PostEurop has chosen the same subject for the 2011 EUROPA Stamp. The theme for 2011 “Forests” is linked with the International Year of Forests declared by The United Nations General Assembly.

To represent this theme, MaltaPost issued a set of two stamps each individually designed by young artists; Nicole Sciberras aged 14, student of Malta School of Art, Valletta and Brenda Camenzuli aged 14, student of St Ignatius College, Blata l-Bajda. The stamps depict the artists’ personal interpretation of “Forests” in the context of the Maltese Islands. These designs are the result of a Stamp Design Competition organised by MaltaPost in November 2010 for students between Form 1 to Form 5 attending any secondary school in Malta or Gozo.

It is now up to you to elect the most beautiful Europa stamp 2011...

Have fun and may the most beautiful stamp win!

The stamp set **EUROPA 2011 – FORESTS** is available from all Post Offices in Malta and Gozo and from the Mobile Post Office. For more information kindly contact the Philatelic Bureau (tel. no.: 2596 1740, email: philately@maltapost.com, postal address: 305, Triq Ħal-Qormi, Il-Marsa MTP 1001).

**Kompetizzjoni tal-bolol 2011 EUROPA**

Il-bolla Malta Europa tat-€0.37 se tipparteċipa fil-kompetizzjoni Best EUROPA Stamp fost il-bolol uffiċjali kollha. Din il-kompetizzjoni hi avveniment *online* li ssir kull sena, fejn bolol kreattivi minn madwar l-Ewropa jikkompetu għall-aqwa disinn. Il-kompetizzjoni *online* miftuħa sad-9 ta' Awissu 2011, billi tagħfas fuq il-link www.posteurop.org/europa2011. Il-bolla rebbieħa se titħabbar fit-Turkija waqt il-PostEurop Plenary Assembly bejn it-12 u t-13 ta' Ottubru 2011.

Wara l-inizjattiva tan-Nazzjonijiet Uniti biex jippromwovu l-importanza tal-foresti permezz tad-dikjarazzjoni tas-Sena Internazzjonali tal-Foresti, PostEurop għażlu l-istess suġġett għall-EUROPA Stamp tal-2011. It-tema tal-2011 "Foresti" hi marbuta mas-sena Internazzjonali tal-Foresti dikjarata mill-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda.

Biex tirrappreżenta din it-tema l-MaltaPost ħarġet sett ta' żewġ bolol ddisnjati minn żewġ artisti żgħażagħ; Nicole Sciberras ta' 14-il sena u studenta fl-Iskola tal-Arti ta' Malta, il-Belt Valletta u Brenda Camenzuli tal-istess età, studenta fil-Kulleġġ ta' San Injazju, il-Blata l-Bajda. Il-bolol juru l-interpretazzjoni personali tal-artisti dwar il-foresti fil-kuntest tal-Gżejjer Maltin. Id-disinn tal-bolol huma riżultat tal-kompetizzjoni tad-disinn tal-bolol organizzata mill-MaltaPost f'Novembru tal-2010 għal studenti bejn il-Form 1 u l-Form 5 li jattendu kwalunkwe skola sekondarja f'Malta jew f'Għawdex.

Issa f'idejkom biex tagħżlu l-isbaħ Europa Stamp tal-2011...

Ħudu gost u jalla tirbaħ l-isbaħ bolla!

Is-set tal-bolol **EUROPA 2011 – FORESTI** jista' jinkiseb mill-uffiċji Postali ta' Malta u Għawdex jew mill-Mobile Post Office. Għal aktar infomazzjoni kkuntatjaw lill-Philatelic Bureau (tel.: 2596 1740, email: philately@maltapost.com, Indirizz: 305, Triq Ħal-Qormi, Il-Marsa MTP 1001).